31995R0684

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 684/95
tas-27 ta' Marzu 1995
li jemenda r-Regolament (KE) Nru 603/95 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq ta' l-għalf imnixxef

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikulari l-Artikoli 42 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Billi bl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 603/95 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-għalf imnixxef [3] il-Kunsill wera li l-livell tal-ħlas bil-quddiem maħsub fl-Artikolu 6 baqagħlu li jiġi stabbilit definittivament;

Billi huwa meħtieġ li l-livell miżjud tal-ħlas bil-quddiem m'għandux ifixkel l-applikazzjoni korretta tas-sistema tal-kwantità massima garantita;

Billi dan l-għan jista' jinkiseb bis-sistema ta' garanziji;

Billi din il-possibbiltà ġdida m'għandhiex tkun għad-detriment ta' operaturi li jippreferu li jirċievu l-livell aktar baxx tal-ħlas bil-quddiem maħsub fl-Artikolu 6 mingħajr sigurtà;

Billi r-Regolament (KE) Nru 603/95 għandu għalhekk ikun emendat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 603/95 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 6 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 6*

1. Impriżi li jipproċessaw għalf imnixxef li japplikaw għall-għajnuna skond dan ir-Regolament għandhom ikunu intitolati għall-ħlas bil-quddiem ta':

— ECU 41,30 għal kull tunnellata metrika fil-każ ta' għalf imnixxef li għalih tintalab l-għajnuna fl-Artikolu 3(2), jew ECU 55,06 għal kull tunnellata jekk ikunu għamlu garanzija ta' ECU 13,76 kull tunnellata metrika, u

— ECU 23,18 kull tunnellata metrika fil-każ ta' għalf imnixxef li għalih tintalab l-għajnuna fl-Artikolu 3(3), jew 30,91 kull tunnellata metrika jekk ikunu għamlu garanzija ta' ECU 7,73 kull tunnellata metrika.

L-Istati Membri għandhom iwettqu l-verifiki meħtieġa biex jiżguraw li dak li huma intitolati għalih bil-quddiem huwa ġustifikat. Ladarba d-dritt għall-ħlas jiġi stabbilit, il-ħlas bil-quddiem għandu jsir.

B'danakollu, il-ħlas bil-quddiem jista' jsir qabel id-dritt ikun stabbilit fejn garanzija ugwali għall-ammont bil-quddiem, flimkien ma' 10 %, tkun saret mill-impriża ta' l-ipproċessar. Din il-garanzija għandha tkopri kull garanzija oħra li setgħat kienet ippreżentata skond l-ewwel jew it-tieni inċiż ta' l-ewwel subparagrafu. Dik il-garanzija għandha titnaqqas sal-livell li għalih jipprovdu l-imsemmija l-ewwel u t-tieni inċiż ħekk kif id-dritt għall-għajnuna jiġi stabbilit u għandha tkun rilaxxata kollha kemm hi fuq il-ħlas tal-bilanċ.

2. Sabiex jikkwalifika għall-ħlas bil-quddiem, l-għalf imnixxef inkwestjoni għandu jkun ħalla l-impriża ta' l-ipproċessar.

3. Meta jkun sar ħlas bil-quddiem, għandu jitħallas bilanċ ugwali għad-differenza, jekk ikun hemm, bejn l-ammont tal-ħlas bil-quddiem u l-ammont totali tal-għajnuna dovut lill-impriża li tipproċessa l-għalf imnixxef, waqt li jingħata kont ta' l-Artikolu 5.

4. Fejn ikun sar ħlas bil-quddiem li jeċċedi l-ħlas totali li għalih l-impriża għall-ipproċessar ta' l-għalf imnixxef ikollha dritt, waqt li waqt li jingħata kont ta' l-Artikolu 5, l-impriża għandha, fuq talba, terġa tħallas lill-awtorita kompetenti ta' l-Istat Membru dik il-parti tal-ħlas bil-quddiem li tkun ikkostitwiet il-ħlas żejjed."

2. Fl-Artikolu 18(a), għandu jiżdied l-inċiż li ġej wara t-tieni inċiż:

"— ir-rilaxx tal-garanziji msemmija fl-Artikolu 6(1)."

3. Fl-Artikolu 20, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Referenzi għar-Regolamenti mħassra skond il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu mifhuma bħala li jkunu saru għal dan ir-Regolament."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 1995.

[1] ĠU C 365, tal-21.12.1994, p. 8.
[2] ĠU C 56, tas-6.3.1995.
[3] ĠU L 63, tal-21.3.1995, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Marzu 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

J. PUECH